



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2009/2002(BUD)

3.9.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2010, Taqsima III - Kummissjoni
(2009/2002(BUD))

Rapporteur: Jaromír Kohlíček

PA_NonLeg

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Daħla

Din is-sena baġitarja hija r-raba' sena fejn japplika l-perjodu 2007-2011 tal-Qafas Finanzjarju. L-Abbozz Preliminari tal-Baġit jipproponi żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas għan-Netzwerk Trans-Ewropew għat-Trasport: żieda ta' 9.7% fl-appropriazzjonijiet ta' impenn għat-total tal-linji ta' trasport l-oħra kollha, iżda tnaqqis ta' 8.3% fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas għal dawn il-linji fl-2010. Madankollu, l-indikazzjonijiet preliminari u informali jissuġġerixxu li, fl-abbozz tal-baġit tiegħu, il-Kunsill ser jimplementa tnaqqis ġenerali fil-qasam tat-trasport fuq kważi kull linja relatata mat-trasport, inklużi n-Netzwerks Trans-Ewropej tat-Trasport, Marco Polo II u l-Aġenziji kollha. Għall-Marco Polo II, it-tnaqqis jista' jkun ta' madwar l-10%.

Jeħtieġ li r-rapporteur jenfasizza li tnaqqis estensiv ta' dan it-tip fuq kważi kull programm tat-trasport m'huwiex aċċettabbli, mhux l-inqas għax huwa indiskriminat, mhux iġġustifikat u ta' dannu kbir għall-implimentazzjoni tal-politika għat-trasport u għal-leġiżlazzjoni tagħha. Huwa jirriżerva d-dritt li jerġa' jgħib kull tnaqqis li jsir mill-Kunsill għal-livelli tal-Abbozz Preliminari tal-Baġit. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu fid-dawl ta' dak irrimarkat hawn fuq.

Netzwerks Trans-Ewropej - Trasport

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) imħejji mill-Kummissjoni jipproponi żieda fl-appropriazzjonijiet, kemm dawk ta' impenn u kemm kemm dawk ta' ħlas, għal din il-linja baġitarja fundamentali.

L-appropriazzjonijiet ta' impenn għandhom jiżdiedu bi 8.4% (meta nqabblu l-Baġit tal-2009 mal-Abbozz Preliminari tal-Baġit) għal EUR 998 846 000, u l-appropriazzjonijiet ta' ħlas għandhom jiżdiedu bi 18.3% għal EUR 725 000 000. Din iż-żieda, li hija konformi mal-programm ta' investiment miftiehem fil-Perspettiva Finanzjarja għall-perjodu 2007-2013, għandha tintlaqa' b' sodisfazzjon. Huwa tabilħaqq importanti li jinżamm dan il-livell ta' investiment, mhux biss biex ikun hemm infrastruttura tat-trasport moderna u sostenibbli fuq ir-rotot ewlenin Ewropej iżda anke għax investiment fuq din l-iskala jagħti spinta ekonomika u joħloq l-impjiegi f'perjodu ta' reċessjoni.

Madankollu huwa fatt diżappuntanti li l-istat ta' tħejjija tal-istess proġetti prijoritarji ma jippermettix li ssir nefqa fl-2010, b'mod speċjali l-Proġetti 07 (assi multimodali Spanja/Portugal-Ewropa), 13 (aċċess stradali multimodali Irlanda/Benelux), 14 (linja prinċipali multimodali tal-kosta tal-Punent), 21 (toroq tal-baħar) u 25 (assi tat-triq Gdansk/Brno/Bratislava-Vjenna).

Marco Polo II

Hemm tnaqqis sinifikanti fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas proposti għall-Marco Polo II fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit meta dan tal-aħħar jitqabbel mal-Baġit tal-2009. L-appropriazzjonijiet ta' ħlas qed jonqsu minn EUR 54 182 875 għal EUR 30 000 000 jew b'44.6%. Madankollu, iċ-

ċifra ta' EUR 30 000 000 tirrappreżenta żieda trippla meta mqabbla man-nefqa reali tal-2008. Jidher li mhux l-approprijazzjonijiet ta' ħlas kollha għall-Marco Polo II li huma inklużi fil-Baġit tal-2009 jistgħu jiġu assorbiti u jintużaw b'mod effettiv. Fl-2010 ser tinbeda evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Marco Polo II.

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

L-ammonti pproposti fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit tal-2010 għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jirrappreżentaw żieda ġenerali ta' 8.5% fl-approprijazzjonijiet ta' impenn, li jlaħħqu l-EUR 52 449 366, u tnaqqis ta' 8.3% fl-approprijazzjonijiet ta' ħlas, li qed jonqsu għal EUR 48 884 480. It-tnaqqis fl-approprijazzjonijiet ta' ħlas jista' jiġi attribwit għal tnaqqis fis-somom allokati għall-miżuri kontra t-tniġġis, li jammontaw għal EUR 4 600 000. L-Aġenzija tqis li dan l-ammont fl-approprijazzjonijiet ta' ħlas huwa xieraq, għax il-kuntratti finali tal-ħidmiet ta' bastimenti *standby* għall-irkupru taż-żejt mistennija jitlestew fit-tieni jew fit-tielet kwart tal-2010, biex b'hekk jiġi ġġenerat rekwiżit għal approprijazzjonijiet ta' ħlas fl-2011. L-approprijazzjonijiet ta' impenn għall-miżuri kontra t-tniġġis żdiedu bi 8.5%. L-għadd totali tal-impjegati tal-aġenzija minn 234 żdied għal 242.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-attivitajiet tagħha ta' kontra t-tniġġis, li l-Aġenzija għandha tagħmel fl-2010, ser tittratta kif għandu jsir l-aħjar użu mill-approprijazzjonijiet li jifdal fil-pakkett plurijennali.

Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni

L-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (EASA) żdiedu minn EUR 31 540 000 għal EUR 33 497 000, jiġifieri b'6.3%. Is-sussidju mill-baġit tal-UE jirrappreżenta madwar 27% tad-dħul tal-Aġenzija. Jekk jitqies il-baġit globali, l-iżjed qasam li żdied hu dak tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni fejn in-nefqa se tkun ta' 46%, jew kważi EUR 8 000 000 iżjed mill-2009. L-organigramma tal-Aġenzija kibret ukoll, minn 506 għal 570. Dawn iż-żewġ żidiet jirriflettu r-responsabilitajiet il-ġodda tal-Aġenzija, minkejja li l-iskeda għal implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni li ġiet adottata dan l-aħħar tfisser li l-impatt finanzjarju ta' dawn ir-responsabilitajiet ser jinħass iżjed fl-2011.

Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Ferrovija

Is-sussidju tal-Unjoni Ewropea għall-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Ferrovija (ERSA) fl-2010 ser jiżdied minn EUR 21 000 000 għal EUR 23 474 000, kemm fl-approprijazzjonijiet ta' impenn u kemm fl-approprijazzjonijiet ta' ħlas. Għall-ewwel darba l-Aġenzija ser tislet dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi. L-ispejjeż operazzjonali ser jiżdiedu kważi bid-doppju filwaqt li l-ispejjeż amministrattivi kurrenti u l-ispejjeż għal laqgħat u missjonijiet ser jonqsu. Hemm proposta għal 15-il kariga ġdida, li jinkludu dawk għall-ERTMS, għas-sikurezza u għall-ħidma għat-transaċċettazzjoni (*cross-acceptance*). Din ser twassal biex l-għadd totali tal-istaff jitla' għal 139 fl-2010.

Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport

M'hemm l-ebda żieda proposta fil-baġit tal-Aġenzija tal-2010. Fl-2010, il-baġit ser jibqa' ta' EUR 9 794 000, kemm fl-approprijazzjonijiet ta' impenn u kemm fl-approprijazzjonijiet ta' ħlas.

Madankollu, peress li ċ-ċifra ta' EUR 305 000 hija effettivament allokata bħala riżerva għall-2009, ser ikun hemm żieda modesta fin-nefqa reali. Fl-2010, l-Aġenzija għandha tilħaq il-massimu tal-għadd tal-istaff tagħha.

Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji

Il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji għandhom ċiklu sat-tlestija u ma jkomplux bl-istess mod bħal-linji baġitarji l-oħrajn. Il-proġett pilota fuq is-sikurezza fin-netwerk Trans-Ewropew tat-toroq issa wasal fil-fażi tat-tlestija tiegħu u għalhekk l-ammont propost għall-2010 qed jitnaqqas b'mod sostanzjali, b'65.6%, li jirrappreżenta tnaqqis ta' EUR 570 000 fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas. In-nefqa għet immirata biex l-utenti jġu mgħarrfa dwar id-disponibilità u l-kwalità taż-żoni ta' mistrieħ tat-trakkijiet. Anke l-azzjoni preparatorja dwar it-traffiku transkonfinali fiż-żoni ta' tranżitu tal-fruntiera esterna tal-Grigal ser tintemm fl-2010, u hu mistenni li ssir evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2011.

Bl-istess mod, il-proġetti pilota għad-Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza, għat-Turiżmu Sostenibbli u għat-Turiżmu Soċjali jinsabu fit-tieni jew fit-tielet sena tagħhom, u qed isir tnaqqis fl-appropriazzjonijiet tagħhom, kemm f'dawk ta' impenn u kemm f'dawk ta' ħlas.

Suġġerimenti

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal rizzoluzzjoni:

1. Iqis li l-Abbozz Preliminari tal-Baġit kif ipropost mill-Kummissjoni jirrappreżenta l-minimu neċessarju biex jinżamm il-momentum fl-implimentazzjoni tal-politika u l-liġi tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tat-trasport u t-turiżmu. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex mill-aktar fis tippreżenta r-riżultati u l-proposti l-ġodda li jirriżultaw mill-proġetti pilota dwar is-sikurezza fuq it-triq u l-azzjonijiet preparatorji dwar it-turiżmu sabiex minn issa jitħejjew il-miżuri meħtieġa ta' appoġġ.
2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-proposti għal investment sostnut fin-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport (TEN-T). Madankollu jiddispjaċih li fl-2010 għadd ta' proġetti tat-TEN-T m'humieq ser jibbenefikaw mill-investment tal-baġit tal-UE, u jinsisti li l-perċezzjoni ta' nuqqas ta' finanzjament fl-ebda stadju m'għandha titqies bħala pawża fl-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti. Jinsisti fuq l-importanza li jkun iggarantit il-finanzjament tat-30 proġett TEN-T, b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet imressqa fir-rizzoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 dwar Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku¹.
3. Jieħu nota taż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, u jistenna, b'ċertu tħassib, li fiż-żmien opportun dan ikun akkumpanjat b'żieda fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas disponibbli għall-miżuri ta' kontra t-tniġġis.
4. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-appropriazzjonijiet għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni, iżda jinsisti li l-finanzjament tal-Aġenzija għandu jkun dejjem pari passu mar-responsabilitajiet tagħha.

¹ P6_TA-PROV(2009)0123.

5. Jilqa' b' sodisfazzjon il-ħidma mwettqa sabiex il-programm Marco Polo II isir aktar effiċjenti, u jinsisti li jiġu pprovduti l-fondi meħtieġa sabiex il-programm ikun jista' jilħaq l-aspettattivi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	2.9.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 40 - : 0 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Peter van Dalen, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Luis de Grandes Pascual, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Jaromír Kohlíček, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hella Ranner, Vilja Savisaar, Olga Sehnalová, Debora Serracchiani, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias, Thomas Ulmer, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni final	Jean-Paul Bisset, Derk Jan Eppink, Tanja Fajon, Petra Kammerevert, Joachim Zeller
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	